# FORMOLA TA' APPLIKAZZJONI

Jien, hawn taħt iffirmat(a), qed napplika biex nissieħeb fl-Assoċjazzjoni tal-Ex Membri tal-Parlament Ewropew.

Isem u Kunjom ......................................................................................

Indirizz ………………….......................................... Kodiċi postali & Belt......................

Pajjiż ta' residenza ………………………………………………………….

Data tat-twelid ……………………………………………… Nazzjonalità ..........................................

Lingwa materna ............................... Għarfien tal-lingwi: ...............................

Telefon …....................................... Fax ..........................................................

Email ……………………………………………. Mobile ……………………………………………

Perjodu ta' servizz bħala MEP …………………….. Grupp politiku .............................

Media soċjali u/jew Sit web.......................................

**Reġistrazzjoni għal ABBONAMENT ANNWALI għall-2025**

F'konformità mal-Artikolu 7 tal-Istatuti tal-FMA, "L-ammont tal-abbonament annwali jiġi stabbilit kull sena għas-sena ta' wara mill-Assemblea Ġenerali Annwali (...)"

Skont l-Artikolu 5 tal-Istatuti tal-FMA, l-applikazzjoni għas-sħubija trid tiġi approvata mill-Kumitat ta' Tmexxija tal-FMA. Mhux se tkun tista' tipproċedi bil-ħlas tal-abbonament annwali, sakemm ma tirċievi email li tikkonferma li l-applikazzjoni għas-sħubija tiegħek ġiet approvata.

Għall-2025, il-miżata tas-sħubija hija kif ġej. Immarka l-ammont li jikkorrispondi għall-għażla tiegħek:

- ☐ Reġistrazzjoni bejn l-1 ta' Jannar u d-29 ta' April: €100;
- ☐ Reġistrazzjoni wara t-30 ta' April: €60;
- ☐ Reġistrazzjoni wara t-30 ta' Settembru: €40.

**Tista' tħallas l-ewwel abbonament annwali tiegħek bi trasferiment lill-"Association of the Former Members of the
European Parliament", KBC Bank, il-fergħa ta' Marnix: IBAN: BE06 4246 1107 1122 / BIC: KREDBEBB.**

BRU - ANTALL 02Q073, Parlement européen- Rue Wiertz, B-1047 Brussell
Tel. 32/2. 284 07 03 Fax. 32/2. 284. 09 89
formermembers@europarl.europa.eu
www.formermembers.eu

**Indika ismek u s-suġġett tat-trasferiment, speċjalment jekk tagħmel trasferiment nazzjonali jew internazzjonali minn kont bankarju li ma jkunx fuq ismek.**

**Indika kif tixtieq tħallas l-abbonamenti annwali futuri tiegħek ta' €100:**

1. ☐ Se nħallas l-abbonament annwali bi trasferiment lill- "Association of the Former Members of the European Parliament", KBC Bank, il-fergħa ta' Marnix: **IBAN: BE06 4246 1107 1122 / BIC: KREDBEBB**.

2. ☐ Se nħallas il-kontribuzzjoni bi "standing order" f'euro (SEPA) mill-bank tiegħi. Se nibgħat lill-bank tiegħi l-ordni ta' ħlas ta' **€ 100** bi frekwenza annwali u f'data speċifika (qabel l-Assemblea Ġenerali Annwali) fil-kont tal-Assoċjazzjoni tal-Ex Membri tal-Parlament Ewropew, KBC Bank, il-fergħa ta' Marnix: **IBAN: BE06 424611071122 / BIC: KREDBEBB**.

3. ☐ Se nħallas l-abbonament annwali b'karta tal-kreditu: Għandi ningħata aċċess għas-sistema tal-ħlas online fis-sit tal-FMA (taqsima aċċessibbli għall-membri tal-FMA biss) meta l-formola tal-applikazzjoni għas-sħubija tiegħi tkun waslet u nkun ingħatajt il-login u l-password.

4. ☐ (Jekk applikabbli) Ibgħatli formola biex l-ammont tas-sħubija annwali tiegħi jitnaqqas mill-pensjoni li nitħallas mill-Iskema ta' Pensjoni Volontarja tal-Parlament Ewropew. Naf li dan il-metodu ta' ħlas <u>mhuwiex disponibbli</u> għall-pensjonijiet imħallsa mill-Kummissjoni Ewropea skont l-Istatut għall-Membri tal-Parlament Ewropew, <u>iżda hu disponibbli biss għall-membri li jirċievu pensjoni mill-Iskema Volontarja ta' qabel l-2009</u>.

## <u>IR-REGOLAMENT ĠENERALI DWAR IL-PROTEZZJONI TAD-DATA 2016/679</u> *daħal fis-seħħ fil-25 ta' Mejju 2018*

Bis-sħubija tiegħek fl-FMA, taċċetta li l-Assoċjazzjoni se tiġbor u żżomm id-data personali tiegħek u tinkludiha fid-Direttorju tal-FMA bil-għan li ttejjeb l-interazzjonijiet tiegħek ma' membri oħra tal-FMA.

Tawtorizza wkoll lill-FMA tikkomunika regolarment miegħek biex inti tkun tista' tiltaqa' ma' membri oħra tal-FMA, tibgħatlek il-bullettini u n-newsletters tal-FMA, tinfurmak bl-attivitajiet u l-programmi dwar id-demokrazija parlamentari mwettqa mill-FMA u xxerred informazzjoni dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Skont ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR) tal-2018, dwar il-protezzjoni tad-data personali, l-FMA tintrabat li ma tiżvelax, ma tittrażmettix u ma taqsamx id-data personali tiegħek ma' entitajiet, kumpaniji jew organizzazzjonijiet oħra. L-FMA tista' taqsam data dwar l-esperjenza u l-għarfien espert tal-membri tagħha mal-Parlament Ewropew jew mal-OSCE (l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa) / l-ODHIR (l-Uffiċċju għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem) biex tinvolvihom f'attivitajiet ta' appoġġ għad-demokrazija u osservazzjoni elettorali.

F'konformità mad-dispożizzjonijiet dwar id-drittijiet tal-immaġni, tawtorizza lill-FMA biex tuża l-immaġni tiegħek u tirtokka, tirriproduċi u tippubblika r-ritratti u l-filmati meħuda matul avvenimenti, żjarat u programmi tal-FMA bħala parti mill-pubblikazzjonijiet tagħha.
Jekk l-FMA tingħata xi dettalji bankarji għal rimborżi relatati mal-parteċipazzjoni tal-membru f'xi waħda mill-attivitajiet tal-Assoċjazzjoni, dawn jitħassru ladarba jkun sar ir-rimborż.

Biex tkun taf u teżerċita d-drittijiet tiegħek, inkluż li tirtira l-kunsens għall-użu tad-data tiegħek f'din il-formola, tista' tibgħat email f'dan l-indirizz: formermembers@europarl.europa.eu

**L-ISTATUTI TAL-FMA**

Kun af li skont l-Artikolu 5 tal-Istatuti tal-FMA ".L-ammissjoni għandha tirrikjedi li l-membri japprovaw dawn l-istatuti u jimpenjaw ruħhom li jikkonformaw magħhom u mar-regoli ta' proċedura mfassla mill-Assoċjazzjoni"

Kull Membru ġdid jeħtieġ li jaqra u japprova l-Istatuti tal-FMA billi jiffirma din il-formola.
L-Istatuti huma disponibbli hawnhekk:
https://www.formermembers.eu/about-us/about-us-governance/about-us-statutes/

☐Naċċetta u nimpenja ruħi li nħallas il-miżata tas-sħubija meħtieġa jekk il-Kumitat ta' Tmexxija tal-FMA jaċċetta l-applikazzjoni tiegħi.

☐Napprova l-Istatuti tal-FMA u nimpenja ruħi li nikkonforma magħhom.

**TMIEM TAS-SĦUBIJA**

Sakemm is-sħubija ma tintemmx mar-riżenja tal-membru, il-miżata tkun trid titħallas.
Il-membri li jixtiequ jtemmu s-sħubija jridu jibagħtu t-talba tagħhom bil-miktub lis-segretarjat tal-FMA sal-31 ta' Jannar, inkella l-miżata għal dik is-sena tkun trid titħallas.

(Firma) ......................................................... (Data) .........................................................

BRU - ANTALL 02Q073, Parlement européen- Rue Wiertz, B-1047 Brussell
Tel. 32/2. 284 07 03 Fax. 32/2. 284. 09 89
formermembers@europarl.europa.eu
www.formermembers.eu